**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Kumpilazzjoni Numru: 634/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Tristan Falzon**

**Illum, 2 ta' Marzu, 2023**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Tristan Falzon, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 402382M, li permezz taghhom gie akkuzat :

*"...talli:*

1. *Nhar it-12 ta' Novembru, 2016, ghall-habta ta' 14:30hrs, minn gewwa il-Banka tal-Lottu bin-numru 53 sitwata fi Triq l-Erbgha u Ghoxrin ta' Gunju*

*San Gwann ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-dannu ta' Helena Cardona u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra; Artikoli 261 (a) (c); 262 (1) (b); 267; 275; 275; 277 (a); tal Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Helena Cardona kontra l-volonta' taghha; Artikoli 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. *Garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija; Artikoli 6; 51(7); 55(a) tal-Kap. 480.*

4. *Nhar it-12 ta' Novembru, 2016, ghall-habta ta' 19:30hrs. gewwa Pjazza Narbona Qormi bhala persuna li kien jaf jew missu li kien jaf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li taht ċirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawżaw offiża fuq il-persuna jew mewt, xjentement gieghel lil Josephine Azzopardi ta' 63 sena issofri, u ġab fuqha uġigħ fiżiku u/jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli. Artikoli 257 A (1) (2) (3) (a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

5. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi flimkien ma persuna ohra ikkommetta serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Josephine Azzopardi anzjana ta' 63 sena liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza illi kienet diretta fuq il-persuna li kienet ghalqet l-eta' ta' sittin sena u bil-hin Artikoli 261 (a), 262 (1) (a), 270, 274 (c), 276A, 277(a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

6. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Josephine Azzopardi skond kif iccertifika Dr. Juan Ellul Pirotta mill-Isptar Mater Dei. Artikoli 216, 218 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

7. *Nhar it-20 ta' Novembru, 2016, ghall-habta ta' 07:15hrs. gewwa Triq Manwel Dimech Qormi bhala persuna li kien jaf jew missu li kien jaf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li taht ċirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawżaw offiża fuq il-persuna jew mewt,*

*xjentement gieghel lil Jane Falzon ta' 66 sena issofri, u ġab fuqha uġigħ fiżiku u/jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli. Artikoli 257 A (1) (2) (3) (a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

8. *U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi flimkien ma persuna ohra ikkommetta serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Jane Falzon anzjana ta' 66 sena liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza illi kienet diretta fuq il-persuna li kienet ghalqet l-eta' ta' sittin sena Artikoli 261 (a), 262 (1) (a), 274 (c), 276A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

9. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jane Falzon skond kif iccertifika Dr. Chris Muscat mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana. Artikoli 221 (1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

10. *U aktar talli f'dawn l-ahhar granet xjentement f'Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, li l-valur taghhom ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxi dawn l-oggetti. Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

11. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. N. Camilleri LLD datata 10 ta' Marzu 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel: Artikoli 23 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta.*

12. *Finalment, nakkuzawh ukoll, talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jinbidlu."*

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Semghet il-provi prodotti;

Rat l-artikoli mahruga;

Rat li l-imputat iddikjara li ma ghandhux oggezzjoni li din il-kawza tinstema' bi procedura sommarja;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza, wara li l-Qorti semghet trattazzjoni finali.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Provi prodotti</u>**

**Spettur Kylie Borg** xehdet li fl-20 ta' Novembru 2016, dahal rapport ta' *snatch and grab* fl-Ghassa ta' Hal Qormi ghal habta tat-8.00am. Gie rraportat li Jane Falzon kienet sfat misruqa waqt li kienet miexja fi Triq Manuel Dimech, f'Hal Qormi. Spjegat li Falzon stqarret mas-Surgent, li waqt li kienet miexja, kellha l-basket f'idejha u persuna maskili hadilha l-basket minn idejha, u ghalkemm hija ppruvat izzomm il-basket, spiccat waqghet ma l-art. Spjegat li xhud okulari, certu Aleksander Kawalec, qal li l-persuna maskili kienet rikbet f'vettura ta' kulur silver u tal-ghamla Skoda, bin-numru ta' registrazzjoni FAE 362. Spjegat li x-xhud okulari kien ra li kien hemm xufier mara ssuq din il-vettura. Spjegat li x-xhud okulari kien infurmaha li l-mara kellha xagharha skur twil, filwaqt li r-ragel kien liebes *hoody.* Kompliet tghid li Falzon kienet soffriet ukoll xi griehi.

Kompliet tispjega li l-vettura FAE 362 kienet tappartjeni lil Tristan Falzon. Spjegat li meta ntalab jigi l-Ghassa, Tristan Falzon innega li kellu xi involviment f'dan l-incident. Spjegat li Falzon kien ikkonferma li huwa biss juza din il-vettura u li ma jsellfiha lil hadd. Mistoqsi ghalfejn il-vettura tieghu kienet fl-inhawi fejn sehh l-incident, Falzon kien informa lill-Ispettur li kien mar ghand Jurgen Cassar. Wara li saru xi verifiki ohra, l-Ispettur Borg spjegat li Falzon gie rrilaxxat wara li ttiehditlu stqarrija. Spjegat li minn ricerki li saru, irrizulta li fit-12 ta' Novembru 2016, kienet saret *snatch and grab* fuq Josephine Azzopardi,

liema incident kien sehh qrib l-iskola Primarja ta' Hal Qormi, u cioé gewwa Pjazza Narbona. Spjegat li kienu gew mehuda zewg *handbags* ta' zewg anzjani, u kienu nsterqu wkoll xi mobiles. Spjegat li meta tkellmet mal-Ispettur Fabian Fleri, dan kien infurmaha li minn *checks* li saru, irrizulta li l-IME numbers tal-mobiles misruqa, kienu gew *paired* mal-mobile ta' Tristan Falzon. Spjegat li minn iktar investigazzjoni, irrizulta li z-zewg IME's kienu qed jigu utilizzati minn Tristan Falzon. Kompliet tixhed li regghet baghtet ghal Tristan Falzon, li kien gie l-Ghassa akkumpanjat minn Lucienne Lia. Spjegat li Falzon gie arrestat u Lucienne Lia ntbaghtet iggib il-mobile phones li kellu Tristan Falzon. Meta rritornat lura bil-mobile, dan kien proprju wiehed mill-mobile phones misruqa fis-serqa tat-12 ta' Novembru 2016, u kellu l-IME number jispicca 080. Ikkonfermat li l-ewwel darba li gie arrestat Tristan Falzon, in-numru tal-mobile tieghu kien 79086651. Kompliet tghid li go dan il-mobile misruq, instabet is-Sim Card ta' Falzon, u cioè tan-numru 79086651.

In kontroezami, hija spjegat li Jane Falzon ma forniet l-ebda deskrizzjoni tal-aggressur taghha, hlief li qalet li kien ragel liebes *hood.* Spjegat li minn investigazzjonijiet ulterjuri, irrizulta li x-xufiera tal-vettura kienet Lucienne Lia, it-tfajla ta' Tristan Falzon. Spjegat li l-*pairing* sar mis-*service providers*. Spjegat li n-numru 79086651 kienet cemplet fuqu ghal diversi drabi u dejjem Falzon kien iwiegeb. Spjegat li sabet dan in-numru wkoll fil-pussess ta' Tristan Falzon. Spjegat li Falzon dejjem ikkonferma dan in-numru bhala n-numru tal-mobile tieghu. Inoltre, meta ngabet l-*call profile* minghand is-*service providers*, kien jidher ukoll in-numru tal-ufficju tal-Ispettur fil-*call profile* ta' dak in-numru. Spjegat li waqt l-interrogazzjoni, Falzon kien baqa' jinnega li huwa kellu x'jaqsam mal-mobile phones misruqa. Spjegat li baqa' jichad li huwa kien seraq dawn iz-zewg mobile phones. Spjegat li Lucienne Lia kienet gabet il-mobile ta' Tristan Falzon fuq ordnijiet moghtija lilha, u dan kien ingieb mill-kamra ta' Tristan Falzon, fid-dar ta' ommu.

F'seduta ohra, l-Ispettur Borg spjegat li fl-4 ta' Settembru 2017, hija kienet responsabbli mill-Ghassa fid-distrett ta' Hal Qormi. Ikkonfermat l-kontenut tad-dikjarazzjoni ezebita a fol 314 tal-process, u gharfet ukoll lil Tristan Falzon. Gharfet il-firem li hemm fuq l-istess dikjarazzjoni. Ezebiet ukoll tliet sentenzi

moghtija fil-konfront ta' Tristan Falzon. Ikkonfermat li dawn ghandhom il-konnotazzjonijiet kollha rigwardanti Tristan Falzon.

**Spettur Fabian Fleri** xehed li fit-12 ta' Novembru 2016, dahal rapport fl-Ghassa ta' Hal Qormi ghal habta tat-tmienja neqsin hamsa ta' filghaxija, li gewwa Pjazza Narbona f'Hal Qormi kienet sehhet *snatch and grab*. Irrizulta li l-vittma kienet Josephine Azzopardi ta' 63 sena, li kienet akkumpanjata minn John Azzopardi. Xi hadd kien gibdilha l-basket u baqa' sejjer bil-giri. Spjega li l-vittma ddeskriviet l-aggressur bhala persuna twil madwar sitt piedi u fih ragel. Spjega li gol-handbag kien hemm zewg mobile phones u xi gbejniet. Il-mobile phones kienu, wiehed kulur iswed tal-ghamla Nokia b'IME number 359191054114206 u kellu l-linja 77472306, u l-iehor kien ta' kulur iswed tal-ghamla Samsung Galaxy, li kellu sim card wahda 77269111 u l-IME 351965081479080. Spjega li Azzopardi soffriet griehi u ttiehdet Mater Dei.

Kompla jispjega li wara li ghamel *request* lis-*service prociders* dwar dawn iz-zewg IME numbers, ircieva risposta pozittiva mill-GO fir-rigward tal-IME number tas-Samsung. Spjega li rrizulta li fit-13 ta' Novembru, beda jintuza mill-linja 79086651, li kienet linja li ma hijiex registrata. Spjega li minn ricerka li ghamel fis-sistemi tal-Pulizija, irrizulta li din il-linja kienet imnizzla bhala l-linja li qed juza Tristan Falzon. Spjega li wara li tkellem mal-Ispettur Kylie Borg, talab lis-*service provider* jekk l-IME numbers intuzawx bin-numru 79086651, u rrizulta li ntuza b'IME numru iehor, li kien il-mobile phone li nsteraq fis-serqa li kienet qed tinvestiga l-Ispettur Borg. Spjega li sussegwentement, inhareg mandat ta' arrest fir-rigward tal-imputat. Spjega li waqt l-investigazzjoni, Tristan Falzon baqa' jinnega kompletament l-involviment tieghu f'dawn iz-zewg serqiet, izda sussegwentement, fir-rigward tal-mobile li kien instab ghandu, Falzon kien sostna li dak kien tahulu Roderick Stanyer. Spjega li Falzon kien sostna li huwa kien gie moghti dan il-mobile Samsung minn Stanyer, mentri l-mobile Nokia kien zammu Stanyer u kien rah f'idejh. Spjega li waqt li kien qed jispjega dan kollu, Falzon kien ta d-dettalji, ta' xhin gie moghti l-mobile, u dwar il-mobile misruq l-iehor tal-ghamla Nokia, minn jeddu u minghajr ma' kien inghata informazzjoni dwar dik is-serqa. Spjega li Falzon inghata *police bail* u nhareg mandat ta' arrest fir-rigward ta' Roderick Stanyer, izda l-mobile tal-ghamla Nokia ma nstabx.

Spjega li Stanyer innega li kien involut fis-serqa tal-mobiles u kien dispost li jikkonfronta lil Falzon, izda meta l-Pulizija ppruvaw jikkuntatjaw lil Falzon, kull tentattiv falla. Ghalhekk, inhareg mandat ta' arrest fir-rigward ta' Falzon. Sar konfront bejn Falzon u Stanyer, izda kull wiehed minnhom baqa' jinsisti fuq il-verzjoni moghtija minnu. Spjega li sussegwentement, Falzon kien qallu li fis-serqa tat-12 ta' Novembru 2016, huwa kien flimkien ma' Roderick Stanyer, u huwa kien qed isuq l-Iskoda Felicia, mentri kien Stanyer li kien gibed il-handbag. Spjega li Falzon qallu li huwa kien ha l-mobile Samsung u Stanyer ha l-mobile Nokia. Spjega li wara li rega' gie mitkellem Stanyer, Stanyer kien ammetta li hekk kien gara, u li huwa kien rema n-Nokia ghaliex ma kien jiswa xejn. Spjega li Stanyer kien ikkonferma wkoll li fil-handbag kien hemm xi gbejniet. Spjega li Stanyer kien qal ukoll li dwar l-incident l-iehor, Falzon kien akkumpanjat minn Lucienne Lia. Spjega li wara ttiehdet stqarrija, fejn Stanyer ikkonferma dak kollu li kien qal, mentri Falzon kien ghazel li ma jirrispondix ghall-ebda domanda.

Spjega li minn investigazzjoni li saret fuq Lucienne Lia, irrizulta li din ikkonfermat li kienet hi l-persuna fil-vettura ta' Tristan Falzon, u li Falzon kien qed isuq u f'daqqa wahda kien waqqaf il-vettura, hareg minnha, libes hoody, u qalilha li l-isteering kien f'idejha. Spjegat li Falzon telaq jigri u semghet xi ghajjat, kif ukoll rat persuna ghaddej bir-rota jghajjatlu biex jieqaf. Spjega li hi ppanikjat u saqet bicca, izda mbaghad waqfet, u dak il-hin Falzon dahal u saqet. Spjega li Falzon kellu handbag f'idu. Spjegat li hija saqet ftit iehor, izda mbaghad ippanikjat, nizlet mill-karozza u telqet id-dar bil-mixi.

F'seduta ohra, giet ezebita s-sentenza mahruga fl-10 ta' Marzu, 2016, kontra Tristan Falzon.

F'seduta ohra, huwa spjega li nqalghet kwistjoni rigward kuntatt li kien qed jaghmel Tristan Falzon ma' Lucienne Lia, waqt li kien il-habs. Spjega li ngabu *recordings* tat-telefonati li saru mill-habs, minn Tristan Falzon. Spjega li meta kienu qed jisimghu dawn it-telefonati, Tristan Falzon semma indirettament kaz ta' *hold up* gewwa San Gwann. Spjega li fit-12 ta' Novembru, 2016, kien sar *hold*

*up* gewwa banka tal-lottu bin-numru 53, fi Triq l-24 ta' Gunju, San Gwann, ghal habta tas-saghtejn u nofs. Spjega li d-deskrizzjoni tal-persuna kienet l-istess, anke prattikament f'persuntu u fi hwejgu. Inhareg mandat fil-konfront ta' Lucienne Lia, stante li fit-telefonati kienet qaltlu li tikxef x'ghamel. Spjega li Lia ammettiet l-involviment taghha u spjegat li l-*hold up* sar minn Roderick Stanyer u Tristan Falzon, filwaqt li hija kienet qed tistennihom gol-karozza u kienet qed issuq il-vettura. Spjega li l-vettura kienet Landrover Freelander, li kienet tal-eks gharus taghha, u meta giet mistoqsija fuq is-sikkina li ntuzat fil-*hold up*, hija qalet li dik kienet sikkina li l-eks gharus taghha kien ihalli fil-karozza, u li kien juza ghall-kacca. Ikkonferma li Lia qablet li kienu saru diversi kuntatti bejnha u bejn Falzon, waqt li dan kien il-habs. Ikkonfermat ukoll li kienet marret anke tarah il-habs. Ikkonferma li s-sikkina giet irkuprata minn gewwa l-Land Rover. Kompla jghid li Lia kienet ghaddietlu xi ittri li baghtilha Falzon mill-habs. Spjega li Lucienne Lia giet sentenzjata fuq dan il-*hold up* u fuq is-serqa tal-anzjana, u minn dik is-sentenza ma sarx appell.

Spjega li sussegwentement, Tristan Falzon gie nterrogat, izda ghazel li ma jwegibx. Spjega li Lia kienet qalet li meta Stanyer u Falzon kienu niezlu mill-Land Rover biex jaghmlu l-*hold up*, hija kienet baghtet messagg mill-mobile taghha, lil mobile ta' Stanyer. Mil-*localisation* ta' dawn iz-zewg linji, instab liema hu dan l-SMS, u nstab wkoll li l-*localisation* taz-zewg mobiles, b'dak l-SMS jaqbel mal-eqreb *repeater* li jinstab fiz-zona ta' din il-banka tal-lottu. Spjega li minn dan il-*localisation exercise*, il-hin jikkombacca perfettament mal-hin tal-*hold up*. Huwa ezebixxa sett ta' dokumenti, u kif ukoll oggetti li allegatament gew mghoddija lil Lucienne Lia minn Falzon, waqt li huwa kien il-habs.

**Josephine Azzopardi** xehdet li fit-12 ta' Novembru, 2016, kienet tiela' minghand Pavi f'Hal Qormi, u xi hadd gibdilha l-basket. Spjegat li mal-gibda waqghet u r-ragel li kien quddiemha, lanqas induna, izda sabha mal-art. Spjegat li dan sehh ghal habta ta' sebgha u kwart ta' filghaxija. Spjegat li dan gara ezatt quddiem l-iskola. Spjegat li l-basket ta' kulur kannella, kien f'idha l-leminja. Spjegat li l-ewwel xi hadd bandlilha l-basket minn wara u mbaghad kif daret, gibidulha. Ikkonfermat li min gibdilha l-basket gie minn wara. Spjegat li hija waqghet fuq il-genb taghha u spiccat l-isptar b'gundalla, u ghadha sal-lum ma tantx tista' timxi. Ikkonfermat li l-persuna li haditilha l-

basket, kellu *jersey* ahmar skur. Spjegat li ma ratx wiccu, izda tikkonferma li kien ragel. Sostniet li l-aggressur telaq jigri minn fejn kien gie. Spjegat li fil-basket kellha zewg mobiles. Hija kkonfermat li l-mobile Samsung ezebit mill-Prosekuzzjoni, huwa l-mobile li nsterqilha. Spjegat li kienet giet l-ambulanza ghaliha. Kellha laham maqsum minn gewwa, u kien biss wara erba' gimghat, li harget. Spjegat li l-ugiegh ghadu ghaddej. Hi qalet li ma taghraf lil hadd fl-awla.

In kontroezami, hija kkonfermat li l-aggressur kien fih ragel mhux hazin.

**Jane Falzon** xehdet li hija ghamlet rapport mal-Pulizija fl-20 ta' Novembru, 2016, peress li waqt li kienet fi Triq Manwel Dimech, Hal Qormi, kienet qed izzomm *handbag* iswed imdendel f'idha, u mhux fuq spallitha. Spjegat li hasset lil xi hadd qed jigbdilha l-basket minn wara. Spjegat li dawwret wiccha u tara ragel. Spjegat li hi baqghet tigbed u mbaghad fl-ahhar, gibidulha u waqghet mal-art. Spjegat li wegghet idha l-leminija, u in fatti, ghadha mugugha. Spjegat li kellha gundalla f'rasha. Spjegat li tarilha n-nuccali u baqghet ma sabitux. Spjegat li kien hemm ragel barrani li taha l-ghajnuna. Spjegat li dan ir-ragel barrani, irnexxielu jsibilha n-nuccali, u marret taghmel rapport. Spjegat li r-ragel kellu xi haga go rasu. Spjegat li hija giet mahsuda. Spjegat li hija lanqas taf fejn mar l-aggressur wara li hadilha l-basket. Spjegat li fil-basket kellha umbrella, flixkun ilma, portmoni u cwievet. Qalet li kellha xi tletin Ewro (€30) jew inqas. Ikkonfermat li kellha wkoll mobile tal-marka Nokia 1616 ta' kulur iswed, li kienet xtratu erbghin Ewro (€40). Spjegat li t-tbengil marilha, izda ghadha mugugha f'idha. Hija qalet li ma hi taghraf lil hadd fl-awla.

In kontroezami, hija kkonfermat li bla nuccali, hija ma kienet ser taghraf lil hadd. Spjegat li minghajr nuccali, ma tarax.

**Dr Chris Muscat** xehed li fl-20 ta' Novembru, 2016. Huwa ezamina lil Jane Falzon u sab li kellha griehi hfief, peress li kellha fjammazzjoni tal-muskolu fi spallitha l-leminija.

**Arkadiusz Aleksander Kawalec** xehed li huwa kien bir-rota tieghu gewwa Hal Qormi, meta ra karozza tieqaf. Spjega li s-sewwieq kienet mara b'xaghra nokkli, u ragel hareg mill-karozza. Spjega li dan ir-ragel gibed il-*handbag* ta' mara. Spjega li din il-mara kienet mara anzjana, li kellha iktar minn 60 sena. Spjega li dan ir-ragel kien liebes hoody. Huwa gharaf l-persuna li kien l-aggressur, izda qal li ma jistax ikun mija fil-mija cert. Spjega li l-karozza li minnha hareg dan ir-ragel, kienet Skoda Fabia Silver, bin-numru ta' registrazzjoni FAE 362.

In kontroezami, huwa spjega li dan l-incident sehh fil-gurnata tal-Hadd f'Novembru. Spjega li kien ghadu kmieni u l-hwienet kienu ghadhom maghluqa. Spjega li kien qabel id-disgha ta' filghodu. Ikkonferma li huwa kien bir-rota u ra karozza tieqaf. Spjega li ragel hareg mill-karozza jigri u huwa segwih, ghaliex dan kien qed jigri minn fejn kien ghaddej. Spjega li huwa rah jaqbez mill-hajt u jahtaf *handbag* ta' mara. Ikkonferma li ra wiccu. Qal li mhux cert kemm kien hemm nies jistennewh gol-karozza. Qal li lahaq nizzel in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura. Ikkonferma li kien hemm sewwieq zgur. Spjega li ra lir-ragel jidhol gol-karozza, u l-karozza saqet.

In riezami, huwa spjega li l-imputat li hemm fl-awla jidher familjari, izda qal li ma jistax ikun mija fil-mija cert, li huwa l-istess persuna li ra jahtaf il-*handbag*.

**Anthony Bonnici in rapprezentanza ta' GO plc** ezebixxa C*all and SMS Profiles* tal-mobile number 79086651, mill-1 ta' Novembru, 2016, sal-24 ta' Novembru, 2016. Spjega li l-*profiles* jinkludu l-IME number li maghhom gie *paired* l-mobile number 79086651. Spjega li rrizulta li f'dak il-perijodu, kien hemm diversi IME numbers. Il-linja 79086651 ma kinitx registrata. Spjega li l-IME numbers ma kinux *paired* ma' xi numru tal-GO Mobile, u ghalhekk ma setax jaghti informazzjoni dwar ma' liema numri kienu abbinati qabel, dawn l-IME numbers.

**PS 1125 Alfredo Mangion** xehed li fit-12 ta' Novembru, 2016, kien xoghol gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi, u dahal rapport li kien hemm anzjana li giet

misruqa minn quddiem l-iskola primarja ta' San Bastjan. Spjega li l-vittma kienet Josephine Azzopardi, u li kienet qalet li kif kienet flimkien mar-ragel taghha, gie ragel minn warajha, imbuttaha u hatfilha l-basket. Spjegat li l-unika deskrizzjoni li giet moghtija mill-vittma kienet, li l-aggressur kien liebes qalziet iswed u flokk ahmar.

In kontroezami, huwa kkonferma li dak kien l-involviment tieghu.

**PS 1284 Ian Caruana** spjega li fl-20 ta' Novembru, 2016, sar rapport minn Jane Falzon, li ghal habta tas-sebgha u kwart ta' filghodu, fi Triq Manwel Dimech, giet misruqa. Spjega li Falzon sostniet li persuna maskili hatfilha l-basket, u ghalkemm ippruvat tirrezistih, spiccat waqghet mal-art. Spjega li Falzon qalet li l-aggressur kien liebes hoody u jeans, u telaq mill-post bil-giri. Spjega li ftit wara gie Arkadiusz Aleksander Kawalec fl-Ghassa, li kien xhud okulari, u li ta lill-Pulizija, in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura li fiha l-aggressur dahal, wara li hataf il-basket ta' Falzon. Spjega li din il-vettura ndikata kienet tghajjat lil Tristan Falzon.

**PC 1492 Jason Caruana** kkonferma li huwa kien prezenti fl-24 ta' Novembru, 2016, meta Tristan Falzon nghata d-drittijiet tieghu li jikkonsulta ma' avukat, u dan irrifjuta dak id-dritt, kif ukoll iffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens. Spjega ukoll li fl-20 ta' Novembru, 2016, huwa kien prezenti meta Tristan Falzon inghata d-drittijiet tieghu mill-Ispettur Borg, u dan irrifjuta, filwaqt li ffirma l-istess dikjarazzjoni tar-rifjut.

**John Azzopardi** xehed li huwa r-ragel ta' Josephine. Spjega li fit-12 ta' Novembru, 2016, hu u martu kienu mexjin fejn l-iskola ta' San Bastjan, Hal Qormi, ghal habta tas-sebgha u kwart ta' filghaxija. Spjega li huwa kien miexi quddiem u martu kienet xi ghaxar passi warajh. Spjega li jisma' l-ghajjat u ra wiehed jigri niezel 'l-isfel b'basket f'idu. Spjega li huwa kien qabad ser jigri warajh, izda xhin ra lil martu mal-art, mar jghinha. Spjega li l-basket kien f'idejn martu u kellu fih zewg mobiles, cwievet, umbrella, gbejniet u ftit bigilla. Spjega li dan ir-ragel kien fih ragel u kien liebes flok, qisu ahmar. Spjega li

huwa ra lil din il-persuna minn wara, u ghalhekk ma jistax' jaghraf lil hadd. Spjega li martu wegghet u kellha gundalla fuq ghajnejha. Spjega li ghamlet xi erba' gimghat lanqas tista' timxi.

**Lawrence Bugeja** pprezenta file mediku ta' Josephine Azzopardi. F'okkazjoni rega' xehed, fejn ikkonferma li l-fotokopji tad-dokument li jinsab a fol 113 fil-process, ta' Roderick Stanyer, kienu saru minnu.

**Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta** spjega li l-vettura FAE 362, hija vettura tal-ghamla Skoda Felicia ta' kulur Silver, u hija registrata f'isem Tristan Falzon. Ilha hekk registrata mid-29 ta' April, 2016.

**PS 1337 Kevin Curmi** xehed li jikkonferma l-istatement fil-forma ta' *audio visual*, mehud mill-Ispettur Fleri minghand Tristan Falzon fil-prezenza tieghu. Spjega li Falzon kien ghazel li ma jwegibx. Ikkonferma wkoll il-firem fuq l-ircevuta rilaxxata meta giet elevata Skoda Felicia ta' kulur silver bin-numru ta' registrazzjoni FAE 362. Ikkonferma wkoll l-ircevuti ta' meta gie elevat Samdung Duos a fol 78. Spjega li l-originali taz-zewg ircevuti gew moghtija lil Tristan Falzon. Huwa gharaf lil Tristan Falzon. Ikkonferma wkoll id-dokument a fol 112 tal-process, fejn Tristan Falzon irrifjuta l-jedd ghall-avukat qabel bdiet l-interrogazzjoni.

**PC 1410 John Debono** kkonferma u gharaf il-firem, li hemm fuq id-dikjarazzjoni tar-rifjut a fol 51 tal-process. Spjega li huwa kien prezenti meta gie ffirmat dak id-dokument. Gharaf lill-imputat ukoll. Ikkonferma dan kollu wkoll, anke fir-rigward tad-dokument a fol 52 tal-process.

**PC 392 Kevin Caruana** xehed li qed jaghraf il-firem, fuq id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali a fol 51 tal-process. Huwa indika lill-imputat bhala Tristan Falzon, u kkonferma li kien prezenti meta saru dawn il-firem. Ikkonferma wkoll id-dokument a fol 53 u spjega li huwa kien ukoll prezenti ghal din l-istqarrija. Ikkonferma li Falzon kien inghata d-dritt tal-avukat.

**PC 1007 John Paul Micallef** xehed li huwa ghamel xi *downloads* minn CCTVs. Wiehed mid-*downloads* kien rigwardanti 12 ta' Novembru, 2016, bejn is-7.15p.m. u 7.45p.m., minn camera tal-iskola primarja, Triq San Bastjan, Hal Qormi. Ingabru wkoll filmati minn Drug Shop ta' Vjal De La Cruz, Hal Qormi, tal-20 ta' Novembru, 2016, bejn 6.45a.m. u 8.00a.m. Ghamel download ukoll minn *camera* sitwata fid-dar 3, Triq 23 ta' April , Hal Qormi, fid-data tal-20 ta' Novembru, 2016, bejn 6.45a.m. u 8.00a.m.

**Dottor Juan Ellul Pirotta** xehed li huwa kien ezamina lil Josephine Azzopardi u sab li kellha griehi hfief, salv kumplikazzjonijiet. Kellha tbengila fuq l-aspett tal-lemin ta' mohha, u kellha *tenderness* fuq il-genb tal-lemin. Spjega li l-Xray ma weriex ksur.

**Helen Cardona** xehdet li hija tahdem go Banka tal-Lottu numru 53, fi Triq 24 ta' Gunju, Taz-Zwejt, San Gwann. Spjega li hdejn din il-banka tal-lottu, hemm il-bandli u *parking area*. Spjegat li fit-12 ta' Novembru, 2016, ghal habta ta' 2.30p.m., hija kienet wehidha gol-banka tal-lottu. Spjegat li rat persuna diehla u marret biex taqdih, ghax dak il-hin kienet qed tarmi flixkun tal-plastik. Spjegat li xhin marret biex taqdi lil dini l-persuna, rat id b'mus jew sikkina go fiha. Spjegat li dan beda jcaqlaq idejh bis-sikkina f'idu u jghidilha biex taghtih il-flus, u ma jwegga' hadd. Spjegat li bdiet titrieghed, u tatu *envelope* li kien issiggilat, u li kellu xi karti go fih. Spjegat li dan l-*envelope* kienet thallih f'kaz li jigri incidenti bhal dawn, peress li hija kienet già saritilha *hold up* ohra. Spjegat li dan fetah l-*envelope* u qalilha li dawn kienu karti. Hija offrietlu xi haga mill-flus li kellha, izda dan ma kienx kuntent u ddendel mal-bank, u ha li kien baqa', kif ukoll borza b'xi fidda. Spjegat li kien hemm persuna ohra bdiet tghidlu biex jimxi. Spjegat li l-persuna ta' barra kellu flok, hoodie go rasu. Qalet li l-persuna l-ohra baqa' ttimbrat go ghajnejha. Qalet li nsterqulha madwar €325. Spjegat li l-persuna kien twil, fih tifel, u kien liebes *shorts* u kellu gakketta hamra maghluqa sa fuq. Ix-xhud gharfet u indikat lil Roderick Stanyer bhala l-persuna li kellu l-gakketta l-hamra. Spjegat li l-persuna li kienet qed tghid lill-aggressur biex jimxi u jghaggel, kienet ta' statura izghar. Spjegat li hija mhijiex certa mill-identità ta' din il-persuna, u ghalhekk ma setghet tindika lil hadd.

In **kontroezami**, hija spjegat li l-banka ghandha bieb ta' garaxx kbir hafna. Spjegat li ghandha l-bank fuq gewwa. L-aggressur baqa' fuq quddiem tal-bank. Spjegat li ma hemmx protezzjoni tal-hgieg mal-bank. Ikkonfermat li ma kienx hemm *cameras* gol-banka.

In riezami, hija spjegat li l-agressur kien biss madwar zewg piedi 'il boghod minnha. Spjegat li kien ma' wiccha bil-wisa' tal-bank biss x'jifridhom.

In kontroezami, hija kkonfermat li l-incident sehh fit-12 ta' Novembru u persuna dahlet gewwa l-banka, u l-iehor qaghad barra fejn il-bieb. Spjegat li hija ratu. Ikkonfermat li din il-persuna kienet ragel, u anke semghetu jitkellem. Spjegat li kien liebes hoodie u kien qal xi diskors, fis-sens li jridu jmorru. Sostna li waqt li kien qed jghid dan id-diskors, kien qed ihares 'il gewwa. Spjega li baqa' fejn il-bieb jistenna lil iehor.

In riezami, hija spjegat li l-istatura ta' dan il-bniedem kienet wahda zghira, u la kien ohxon u lanqas twil.

**Clint Zahra, Acting Senior Correctional Officer** spjega li ghadda kopja tar-recordings tat-telefonati li saru minn Tristan Falzon, bejn it-2 ta' Dicembru, 2016, sal-31 ta' Marzu, 2017, minn Tristan Falzon, waqt li kien fil-Facilità Korrettiva ta' Kordin. Dawn gew mghoddija lill-Ispettur. Huwa kkonferma d-dokumentazzjoni a fol 311.

**Jurgen Cassar** xehed li huwa ilu jaf lil Tristan Falzon minn mindu kienu zghar. Huwa kkonferma li meta kien gie mistoqsi mill-Pulizija jekk Tristan kienx mar ghandu f'gurnata u hin partikolari, huwa kien irrisponda fl-affermattiv. Sostna li hu minghalih li Tristan m'ghandux karozza, u li kien jigi fejnu bil-mixi. Sostna li dakinhar li kien gie mistoqsi dwaru mill-Pulizija, Tristan kien mar ghandu bil-mixi.

**PS 345 Mark Cremona** xehed li fit-12 ta' Novembru, 2016, sar rapport ta' *hold up* minn banka tal-lottu li tinsab f'San Gwann. Spjega li hu flimkien mas-Surgent, tkellmu ma' Helen Cardona, li stqarret li kien dahal persuna b'mus f'idejh u talabha xi flus. Spjega li din qalet li kellha madwar €250 fi flus kontanti. Spjega li qalet ukoll li kien dahal persuna ohra li kien qal lill-malvivent l-iehor, biex jghaggel u biex imorru. Spjega li Cardona sostniet li dawn kienu nizlu 'l isfel lejn Naxxar Road, San Gwann. Spjega li Helen Cardona qalet li dawn iz-zewg persuni kienu jitkellmu bil-Malti u kienu Maltin.

**PS 593 Raphael Attard Flores** xehed li dak iz-zmien kien xufier u fit-12 ta' Novembru, 2016, ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar, huwa kien wassal lil Ufficjali tal-Pulizija fuq il-post, fejn sar rapport li kienet saret serqa minn banka tal-lottu f'San Gwann. Spjega li l-vittma kienet qalet li dahal xi hadd b'mus u beda jitlobha l-flus. Spjega li din qalet li l-ewwel tatu envelope, izda xhin induna li ma kienx jikkontjeni flus, kien talabha l-flus. Spjega li l-vittma ddeskriviet lill-halliel bhala li kien liebes gakketta hamra sportiva u shorts griz. Spjega li din qalet li l-aggressur kellu xaghru mqaxxar, u li kien hadilha madwar €250.

**PS 211 Michael Vella** xehed li kien dahal rapport fl-Ghassa ta' San Giljan fit-12 ta' Novembru, 2016, li sehhet serqa f'banka tal-lottu, fi Triq 24 ta' Gunju, San Gwann. Spjega li huwa u Ufficjali ohra tal-Pulizija tkellmu ma' Helen Cardona, li qaltilhom li kien dahal persuna b'sikkina f'idejh u talabha l-flus. Spjega li din qalet li kien hemm ragel iehor, izda li dan ir-ragel qatt ma dahal fil-*premises.* Spjega li d-deskrizzjoni moghtija kienet ta' ragel maskili ta' statura twila u fih ragel, li kien liebes gakketta hamra sportiva u shorts griz. Spjega li Cardona qalet li kien hemm persuna ohra li baqa' fil-bieb, u gie wara li kienet già dahlet il-persuna l-ohra gewwa l-banka tal-lottu. Spjega li Cardona sostniet li l-persuna li baqa' fil-bieb, kien liebes hoodie sewda.

**WPC 367 Emily Micallef** xehdet li hija kienet *fix point* mal-bieb ta' fejn sar il-*hold up*.

**PC770 Terrence Sciberras** spjega li fit-12 ta' Novembru, 2016, dahlet *call* li kien hemm xi serqa b'arma bil-ponta, fi Triq 24 ta' Gunju, San Gwan. Spjega li marru fuq il-post u nghataw deskrizzjoni tal-malvivent, u cioè li kien liebes gakkettta hamra sportiva u shorts griz. Spjega li saret ronda fl-akwati, izda ma sabu lil hadd.

**Dottor Steven Farrugia Sacco** xehed li huwa qed jipprezenta rapport li ghamel fl-atti tal-inkjesta magisterjali miftuha, fir-rigward ta' serqa li sehhet fil-fond 53, Triq 24 ta' Gunju, San Gwann.

**PS 586 Mario Azzopardi** xehed li huwa kien SOCO fuq l-inkjesta li nfethet dwar serqa, li sehhet fit-12 ta' Novembru, 2016, gewwa banka tal-lottu. Spjega li huwa ghamel ix-xoghol relattiv ghal impronti digitali u gew mtella' erba' *prints*.

**Spettur Trevor Micallef** xehed li fit-12 ta' Novembru, 2016, gie nfurmat li ghal habta ta' xi tlieta ta' wara nofsinhar, kienet sehhet *hold up* go banka tal-lottu numru 53, fi Triq l-24 ta' Gunju, San Gwann. Spjega li kienu marru tliet Pulizija fuq il-post biex ikellmu lil Helena Cardona, li kienet spjegat li kien dahal persuna b'mus f'idu u talabha l-flus. Spjega li din qalet li kienu nsterqulha madwar €350 fi flus kontanti. Spjega li huwa nforma lill-Magistrat tal-Ghassa li fethet inkjesta magisterjali.

**PC 54 Jonathan Azzopardi** spjega li huwa kien ghaddej ronda fiz-zona ta' San Gwann, flimkien ma' PC 770, fit-12 ta' Novembru, 2016. Spjega li dahal rapport li kien hemm attentat ta' serq minn gewwa banka tal-lottu f'San Gwann, lejn in-naha ta' Zwejt. Spjega li tkellem mal-persuna li kienet fil-banka tal-lottu, li qaltilhom li dahlu tnejn min-nies, heddewha b'sikkina u huma marru jduru l-akwati biex jaraw isibux xi persuna suspettuza. Izda din it-tfittxija rrizultat fin-negattiv.

In kontroezami, huwa spjega li hu u l-kollega tieghu, ma hargux mill-karozza taghhom u semghu x'kellha xi tghid din il-mara li kienet fil-banka tal-lottu.

Spjega li huma staqsew lil din il-mara jekk kellhiex bzonn xi assistenza personali, izda din irrispondiet fin-negattiv, u ghalhekk huma marru jaghmlu r-ronda.

**PS 152 Manwel Saliba** xehed li huwa kien assista lill-Ispettur Fleri meta sar konfront bejn Roderick Stanyer u Tristan Falzon, f' Dicembru 2016. Spjega li dawn bdew iwahhlu f'xulxin u mbaghad gie mghoddi kumment minn Stanyer, fis-sens li l-"love mhux ser issemmiha".

**PC 1525 Patrick Farrugia** xehed li gie rrapportat li sehh *hold up* fil-banka tal-lottu numru 53, Triq l-24 ta' Gunju, San Gwann. Huwa gie mahtur fl-atti tal-inkjesta u kkonferma bil-gurament tieghu, il-kontenut tar-rapport ezebit.

**Dottor Mario Scerri** xehed li li huwa ezamina lil Jane Falzon u Josephine Azzopardi. Spjega li Jane Falzon kienet vittma ta' *snatch and grab* nhar l-20 ta' Novembru, 2016, fejn waqghet mal-art, u b'rizultat ta' dan, baqghet mugugha ghal xi tliet gimghat f'idha. Il-moviment u l-funzjonijiet tal-mukulaturi kienu normali. Spjega li Josephine Azzopardi kienet involuta fi *snatch and grab* nhar it-12 ta' Novembru, 2016, fejn waqghet mal-art u garrbet xi griehi f'wiccha u tbengila madwar l-ghajn il-leminija, u wegghet riglejha l-leminija. Spjega li marki ma' baqax, izda baqghet izzappap.

F'seduta ohra, Dottor Mario Scerri qal li rega' ra lil Josephine Azzopardi, u din qed timxi normali, però ghandha diffikultà biex taghmel *flection.* Spjega li parti mir-raguni ghaliex qed tbati minn hekk, hija ghaliex hija tbati minn *flection* fl-irkoppa l-ohra, in vista tal-artrite. Spjega li fratturi ma kienx hemm.

**Eunice Grech Fiorini** ezebit kopja tac-certifikat mhejji minn Dr Juan Ellul Pirotta, rigwardanti griehi sofferti minn Josephine Azzopardi, u li jinsab ezebit fil-process, Pulizija vs Roderick Stanyer.

**Maria Dolores Fenech** xehdet li mir-ricerka li ghamlet dwar sentenzi li nghataw fir-rigward ta' Tristan Falzon, ma rrizultax li kien hemm l-ebda appell.

**Roderick Stanyer** xehed li l-kaz tieghu gie deciz, u wehel tliet snin prigunerija. Ikkonferma li gara *hold up* fit-12 ta' Novembru, 2016, f'San Gwann fuq banka tal-lottu. Spjega li dakinhar kienu hu, Tristan Falzon u Lucienne Lia. Huwa gharaf u indika lil Tristan Falzon. Spjega li kienu bil-vettura tal-gharus ta' Lucienne Lia, li jkunu maghluqin minn wara. Spjega li l-Land Rover kien qisu gold, izda ma jiftakarx in-numru ta' registrazzjoni taghha. Spjega li Lucienne kienet qed isuq u huwa kien fil-kaxxa wara. Spjega li waqfu vicin il-banka tal-lottu u nizlu hu u Tristan. Spjega li Lucienne qaghdet tistenna ftit metri 'l boghod mill-banka tal-lottu. Spjega li huwa kellu sikkina f'idjeh, li haduha mill-van tal-gharus ta' Lucienne. Spjega li s-sikkina kienet tal-gharus ta' Lucienne. Spjega li huwa dahal gewwa l-banka tal-lottu u Tristan baqa' barra. Spjega li kien hemm sid il-banka, li kienet mara anzjana, u ha €160. Spjega li huwa hareg jigri 'l barra u l-iehor kien qieghed già barra, ghax qatt ma dahal, fl-ebda hin. Spjega li din kienet xi haga li saret b'mod spontajnju. Spjega li kienu raw din il-banka tal-lottu u saret is-serqa. Spjega li huwa ma jiftakarx jekk Falzon qalx xi haga waqt li kienet qed issir il-*hold up*. Spjega li huwa kien liebes gakketta hamra u wiccu kien mikxuf.

Spjega li wara dan l-incident, huma marru jinqdew bid-droga. Spjega li dakinhar stess, waqt li kienu hu u Tristan, Tristan kien baqa' fil-karozza u huwa nizel u gibed *handbag* minn fuq xiha. Spjega li l-*hold up* tal-banka tal-lottu sar ghas-saghtejn ta' wara nofsinhar u tal-*handbag* ghal xi sebgha u nofs ta' filghaxija. Spjega li Lucienne Lia ma kinitx involuta fis-serqa tal-*handbag*. Spjega li f'din is-serqa, Tristan kien bil-vettura Skoda Favorit, li hija tieghu. Spjega li Falzon kien qed jistennih ftit 'il boghod, u mbaghad rikeb gol-karozza. Spjega li l-*handbag* kien fiha erba' gbejniet u zewg mobiles. Spjega li wiehed kien qisu bhal Nokia u hadu hu, filwaqt li l-iehor hadu Tristan Falzon. Spjega li Falzon waslu d-dar.

In kontroezami huwa spjega li fl-incident ta' San Gwann, kien hemm hu, Tristan Falzon u Lucienne Lia. Sostna li ma kien hemm xejn ippjanat. Kienu

jiltaqghu bhala rutina normali ta' kuljum. Kienu jmorru ghad-detox u jinqdew xi haga tad-droga. Sostna li ddecidew li jidhlu f'dik il-banka. Ikkonferma li dahal huwa fil-banka tal-lottu. L-arma kienet f'idu u kienet sikkina. Spjega li hadu €140 u haduhom drogi. Sostna li meta nizlu mill-vann, kienu jafu x'kienu ser jaghmlu. Sostna li ma kinux ippjanaw, izda dan gara ta' dak il-hin ghax riedu d-droga.

Fir-rigward tal-incident l-iehor, spjega li kien flimkien ma' Tristan fl-Iskoda Favorit ta' Tristan. Spjega li l-basket hadu hu, mentri Tristan baqa' fil-karozza. Spjega li l-basket kien fih erba' gbejniet u zewg mobiles. Sostna li huwa ha mobile u Tristan ha l-iehor.

In riezami, spjega li dan gara wkoll ta' dak il-hin, fis-sens li hareg, ha l-basket u Tristan qaghad jistennieh sakemm imbaghad, rega' beda jsuq meta dahal lura fil-karozza.

**Lucienne Lia** xehdet li hija giet ukoll issentenzjata fuq il-kazijiet li kienet involuta fihom, u kienet inghatat sentenza sospiza. Ikkonfermat li kienet giet mitkellma fuq *hold up* li sar f'San Gwann fuq banka tal-lottu. Spjegat li kienu hi, Roderick Stanyer u Tristan Falzon. Hija gharfet u indikat lil Tristan Falzon, kif ukoll lil Roderick Stanyer, li kien ghadu kif hareg mill-awla. Ikkonfermat li d-data kienet 12 ta' Novembru, 2016, ghal xi saghtejn ta' wara nofsinhar. Spjegat li kienu bil-vann tal-eks gharus taghha, u cioè Land Rover griza bin-numru tar-registazzjoni LND 020. Spjegat li hija kienet qed isuq il-vettura u Tristan Falzon kien riekeb hdejha, waqt li Stanyer kien fuq wara. Spjegat li din il-*hold up* ma kinitx miftehma. Qalet li dak iz-zmien kienu jabbuzaw mid-droga u hija kienet waslet lill-ohrajn ghal mistura gewwa Detox. Spjegat li hija bdiet issuq u ghaddew minn San Gwann, fejn waqfu go pjazza. Kompliet tghid li nizlu mill-karozza u talbuha xi haga. Qalet li gol-vann, kien hemm sikkina tal-kacca tal-eks gharus taghha. Qalet li nizlu mill-karozza u f'hin minnhom tarahom jigru jghajjtulha, u hi saqet lejhom. Spjegat li dawn dahlu fil-vann u telqu. Spjegat li hija ma kinitx taf ghalfejn nizlu u fejn marru. Qalet li hija ma kinitx taf jekk pjanawx xi haga jew hekk, izda kienu qalulha biex tistennihom.

Sostniet li kienet hi li qaltilhom bis-sikkina. Sostniet li hija mhijiex certa min qallha dan id-diskors fuq is-sikkina. Qalet li hija baqghet iddur fl-akwati.

Kompliet tghid li kienet baghtet messagg lil Stanyer u kienet qaltlu li jekk ser taghmlu dak li qed tahseb li ser jaghmlu, ejja lura. Qalet li hija hasbet li kienu ser jisirqu u ha jsir *hold up*. Spjegat li hija kienet baghtet dan il-messagg meta kienu già nizlu mil-Land Rover. Meta gew lura kellhom sikkina f'idejhom u flus f'envelop. Spjegat li kien hemm madwar mitt Ewro (€100) u mbaghad ghoddew il-fus u xtraw id-droga ghalihom it-tlieta. Spjegat li meta giet investigata, hija kienet marret mal-Pulizija fuq il-post tax-xoghol tal-gharus taghha, u kienu fethu l-Land Rover, u nstabet is-sikkina li ttiehdet mill-Pulizija.

Spjegat li hija giet investigata wkoll fuq serqa li sehhet fl-20 ta' Novembru, 2016, fis-sebgha u nofs ta' filghodu, fejn kienet ma' Tristan Falzon gewwa triq quddiem il-Pavi ta' Hal Qormi. Spjegat li kienu bil-vettura ta' Tristan Falzon, li hija Skoda antika ta' kulur cream jew griza. Spjega li Tristan Falzon kien qed isuq u t-tnejn kellhom bzonn jiehdu d-droga. Qalet li Tristan Falzon nizel mill-karozza u ratu jigri. Qalet li semghet twerzieqa u saqet, filwaqt li rat lil Tristan jigri. Spjegat li xhin nizel Tristan, hija kienet bilqeghda fuq is-*seat* tal-passiggiera. Sostniet li xhin semghet it-twerziqa, hija ppanikjat u dahlet fis-*seat* tad-driver u saqet. Saqet dritt u hemmhekk rat lil Tristan jigri, u tela' fil-karozza, filwaqt li mbaghad kompliet issuq. Spjega li Tristan Falzon kellu *handbag* f'idu. Spjegat li kien hemm ragel bir-rota li kien rahom u hadilhom in-numru tar-registrazzjoni tal-karozza. Spjegat li l-*handbag* intrema u zammew l-affarijiet ta' go fih, inkluz mobile. Sostniet li rat lil mara taqa' ghax gibdilha l-*handbag* Tristan Falzon. Sostniet li hija rat lil Tristan jigbdilha l-*handbag*.

In kontroezami, hija spjegat li kienet iltaqghet ma' Stanyer u Falzon, biex twassalhom ghall-mistura. Sostniet li wara li hadu l-mistura, gara kollox. Wara d-detox, hija saqet lejn San Gwann, u xi hadd talabha li tieqaf minghajr ma taha l-ebda raguni. Spjegat li hija kienet taf ghalfejn kienu waqfu u bdiet tghidilhom biex ma jaghmlu xejn. Spjegat li dawn kienu qed jahsbu biex jisirqu banka tal-lottu. Sostniet li hija ma kinitx taf jekk din il-*hold up* kinitx ippjanata minn qabel jew inhasbitx dak il-hin. Sostniet li d-diskors beda xhin waslu San Gwann.

Sostniet li Tristan Falzon talabha sikkina, izda mbaghad ikkjarifikat li mhijiex certa min talabha s-sikkina. Sostniet li hija ma tafx x'kienet tghid lil Tristan meta kien icemplilha mill-habs. Spjegat li dan kien *stalker* taghha.

Fir-rigward tal-incident l-iehor, hija spjegat li Tristan kien qed isuq u hija ma kinitx taf ghalfejn nizel mill-karozza. Sostniet li hija ppanikjat u qabzet fuq is-*seat* tieghu, rat ragel bir-rota u rat lil Tristan jigri ghal karozza u tela' fiha. Spjegat li Tristan kien qalilha qabel hareg, biex tiehu hsieb l-isteering. Sostniet li kienet taf huwa, li Tristan kien qalilha li ha jsib mezz kif jixtru d-droga. Spjegat li qabel, kienu ppruvaw jakkwistaw d-droga minn fuq l-idejn bla hlas, izda ma rnexxilhomx. Ikkonfermat li b'dak li nsteraq, xtraw id-droga.

**Keith Cutajar** pprezenta r-rapport maghmul minnu ai termini tal-inkarigu moghti lilu. Spjega li huwa ddokumenta l-attività li kienet qed tigri fit-triqat. Spjega li r-*resolution* hija wahda baxxa bhala filmati, u certu ucuh ma jidhrux cari.

**Dottor Katia Vassallo** pprezentat wkoll it-traskrizzjonijiet li giet inkarigata taghmel.

**Matthew Fleri Soler** spjega li t-trobbija tas-Sur Falzon kienet wahda relattivament tajba. Qal li l-aspett tad-droga hija tema rikorrenti fil-hajja tal-imputat. Spjega li minn tlettax-il sena, huwa già kien beda bil-vizzju tad-droga. Sostna li huwa naqqas l-uzu tad-droga drastikament. Spjega li l-imputat iqatta' hafna hin mas-siehba tieghu u l-wild taghha. Irrizulta li l-imputat huwa dizokkupat u bhala pjan ta' kura, dan ghandu jinkludi kuntatt ma' agenzija li tahdem man-nies bil-vizzju tad-droga. In oltre, ghandha tinkludi wkoll kuntatt ma' psikjatra, sabiex l-istat emozzjonali tieghu jibqa' taht osservazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizju tal-Avukat Generali, l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma:

- Serq aggravat bil-vjolenza u valur u sekwestru ta' persuna in konnessjoni mal-*hold up* fil-banka tal-lottu f'San Gwann;

- Garr ta' strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja u garr ta' arma regolari waqt li kkommetta delitti;

- Serq aggravat bil-vjolenza u bil-hin fuq persuna anzjana, akkuza li l-imputat gieghel jew ippermetta li persuna anzjana ssofri taht cirkostanzi li x'aktarx jikkawzaw offiza fuq il-persuna; u offiza ta' griehi gravi fuq il-persuna ta' Josephine Azzopardi;

- Serq aggravat bil-vjolenza fuq persuna anzjana, akkuza li l-imputat gieghel jew ippermetta li persuna anzjana ssofri taht cirkostanzi li x'aktarx jikkawzaw offiza fuq il-persuna; u offiza ta' griehi hfief fuq il-persuna ta' Jane Falzon;

- Ricettazzjoni;

- Ksur ta' probation ; u

- Recidiva.

In fatti, l-artikoli indikati mill-Avukat Generali huma s-segwenti:

i. 49, 50, 17, 31, 261(a), 261( c), 262(1)(a), 262(1)(b), 262(1) ( c), 262(2), 267, 274, 275, 276, 276A, 277(a) , 279(a), 280(2), 284, 285 , 257A(1), 257A(2), 257A(3)(a), 257C , 261(f), 270, 281(a), 214, 215, 216(1)(a), 216(1)(b), 216(1) (c ), 216(1)(d), 218(1)(a) 218(1)(b) 218(2), 219, 221, 222A(1), 334, 532A, 533 86, 87(1)( c), 87(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
ii. 6, 51(7), 55(a), 61 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
iii. 23 tal-kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dawn il-proceduri jikkoncernaw tliet episopji principali:

1. serq mizmum fit-12 ta' Novembru, 2016, ghal habta ta' 14:30 hrs minn gewwa banka tal-lottu bin-numru 53, Triq l-24 ta' Gunju, San Gwann, Malta;
2. serq mizmum fit-12 ta' Novembru, 2016, ghal-habta ta' 19;30hrs gewwa Pjazza Narbona, Qormi, minn fuq il-persuna ta' Josephine Azzopardi; u
3. serq mizmum fl-20 ta' Novembru, 2016, ghall-habta ta' 07:15hrs gewwa Triq Manwel Dimech, Qormi, minn fuq il-persuna ta' Jane Falzon.

Illi x-xhieda principali f'dan il-kaz, kienu certu Roderick Stanyer u certa Lucienne Lia, li permezz ta' proceduri separati, ukoll gew imputati b'diversi reati in konnessjoni ma' uhud minn dawn l-episodji. Dawn gew entrambi issentenzjati.

Fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputat kif kellu dritt jaghmel, ghazel li ma jixhidx.

Din il-Qorti qieset l-Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9, u cioè:-

> *"meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici u x-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, ix-xhieda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati."*

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjamenti rakkolti minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fil-Kumpilazzjoni Numru: 296/14 - Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) vs Daren Debono et, deciza fid-9 ta' Settembru, 2015:

*"Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet IlMaesta Taghha r-Regina vs John Bondin datata 22 ta' Marzu, 1921, gie ritenut li din ir-regola statutorja (li fil-ligi Ingliza hi biss regola ta' prudenza): "twieldet minhabba l-perikolu li persuna tigi dikjarata hatja fuq ix-xhieda mhux konfermata ta' bniedem li 'ex admissis' hu kriminali.*

*Dak li hu mehtieg hu xi prova addizzjonali li tirrendi probabbli li l-istorja tal-komplici jew ko-partecipi hi vera li hu ragonevolment safe li wiehed joqghod fuqha.*

*Illi l-kaz klassiku li fih giet formulata l-ligi Ingliza f'din il-materja kien Rex v Baskerville (1916 - 2.K.B. 658) fejn kien ritenut li: "it is sufficient if there is confirmation as to a material circumstance of the crime and of the identity of the accused in relation to the crime...it must be evidence which implicates (the accused)..."*

*Illi ghalhekk kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George sive Gino Bezzina nhar it-30 ta' Marzu, 1993, il-korroborazzjoni hi biss: "evidence which shows or tends to show that the story of the accomplice that the accused committed the crime is true, not merely that the crime has been committed, but that it was committed by the accused."*

*M'hemmx bzonn tkun tikkonsisti fi prova diretta li l-akkuzat ikkommetta r-reat; hu sufficjenti li l-prova korroboranti tkun anke merament cikostanzjali tal-konnessjoni tieghu mar-reat. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru, 1944 fil-kawza fl-ismijiet Il-Maesta Taghha r-Regina v George Bezzina et li tghid: "meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat huwa komplici fir-reat u x-xhieda tieghu ma tkunx sufficjentement korroborata minn cirkostanzi ohra, dik ix-xhieda tieghu ma hiex bizzejjed biex twassal ghal konvinzjoni ta' lakkuzat. Imma l-korroborazzjoni mehtiega ma hiex fil-konferma b'xhieda ndipendenti ta' kull ma jghid il-komplici, huwa bizzejjed li jkun hemm*

*xhieda indipendenti li tolqot lill-akkuzat u testendi li tikkonnettieh maddelitt, jigifieri xhieda, diretta jew indizzjarja, li timplika lill-akkuzat u tikkonferma lil komplici f'xi partikolarita' mportanti li l-akkuzat ikkommetta d-delitt."*

*Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija fit-2 ta' Dicembru, 1998, mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulziija v John Said et fejn gie ritenut li l-ligi trid li sabiex xhieda ta' komplici jkollha valur probatorju, din trid tkun korroborata sufficjentement minn provi ndipendenti f'cirkostanzi materjali li jwasslu mhux ghal veracita' tal-verzjoni ta' dik ix-xhieda fl-aspetti sostanzjali taghha izda li permezz ta' din il-korroborazzjoni tigi stabbilita nexus criminis bejn din il-verzjoni u l-akkuzat. Trid tkun korroborazzjoni li twassal bla dubju dettat mirraguni, ghall-konvinciment morali li l-attivita kriminuza allegata minn Anthony Gafa' fix-xhieda tieghu verament giet imwettqa mill-akkuzati. Fin-nuqqas li l-Prosekuzzjoni tasal sa dan il-grad, allura l-kaz kontra limputati ma jreggix.*

*Il-Qorti rat ukoll in-noti tal-Professur Mamo dwar is-suggett ta' korroborazzjoni ta' kompartecipi u fil-fatt jghid is-segwenti: "the corroboration required is not corroboration of every thing the accomplice relates or of every material participation (vide Rex v Bezzina- Qorti Kriminali deciza 18 ta' Novembru, 1944) what is required is a corroboration by other circumstances considered sufficient by the jury (vide Rex v Cuschieri deciza 30 ta' Marzu, 1915) confirming not merely a material particular of the witness's story, but some particular which convicts the person himself with it (vide Police v Sammut deciz 29 ta' April, 1946 mill-Qorti tal-Appell Kriminali).*

*Illi ghalhekk din il-Qorti zzid billi tghid li provi addizzjonali ma jridux ikunu necessarjament provi diretti, izda huwa bizzejjed jekk huma cirkostanzjali, bhal per ezempju x-xhieda ta' terza persuna, jew xi evidenza dokumentarja, jew ta' xi prova ta' xi cirkostanzi antecedenti. M'huwiex necessarju li x-xhieda korroborattiva tikkonsisti f'repulsjoni ta' xhieda u*

*fatti bl-ezatt. Ghandu jinzamm test oggettiv fis-sens li does the corroborative evidence provide independent evidence implicating the accused with the crime charged?*

*Fil-fatt il-Professur Mamo jghid:*

*"if the corroborative evidence is equally consistent with the innocence of guilt of the accused and therefore an inference cannot be safely drawn from it one way or the other, as if it fell short of corroboration in a material particular, it cannot be accepted as corroborative. In Thomas v Jones (1921 - I.K.B. 22) it was held that a number of facts none of which by itself amounts to corroborative cannot if regarded collectively become corroboration."*

Fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti, il-Qorti, wara li kellha l-opportunità tara u tisma' lil Stanyer u lil Lia jixhdu quddiemha, u kif ukoll tevalwa dawn id-depozizzjonijiet fid-dawl tal-kumpless tal-provi kollha prodotti, inkluz dawk forensici, m'ghandha l-ebda dubju li hija tista' taghti kredibililtà lix-xhieda moghtija minn Roderick Stanyer u Lucienne Lia. In fatti, quddiem il-Qorti tressqu provi, li wiehed mill-mobiles misruqa kien effettivament fil-pussess tal-imputat, u in fatti, gie ezebit fl-atti ta' din il-kawza. Gie wkoll ippruvat li l-istess mobile nstab bis-*sim card* tan-numru, li l-istess imputat kien forna lill-Ufficjal tal-Pulizija Investigattiv, bhala n-numru personali tieghu. Sar *pairing* mal-mobiles. Giet meqjusa x-xhieda li nghatat mit-tliet vittmi, kif ukoll giet ukoll ikkunsidrata x-xhieda tax-xhud okulari ghall-incident li sehh fi Triq Manwel Dimech, Qormi. Ix-xhieda moghtija taqbel u tikkombacca mal-verzjonijiet moghtija minn Stanyer u minn Lia. Dan kollu jwassal lil din il-Qorti, ghal konvinciment morali necessarju biex tinstab htija fl-imputat.

Il-Qorti qieset li kif jidher car mir-rinviju ghall-gudizzju mibghut mill-Avukat Generali, l-artikoli mahruga fil-konfront tal-imputat jitrattaw mal-istess imputat, bhala awtur tar-reati in dezamina. Illi minkejja dan, din il-Qorti, skont l-Artikolu 467(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tiddikjara l-akkuzat hati bhala komplici fir-reati msemmija. In fatti, kif jinqtal fil-kawza, Il-Pulizija vs Agius Carmelo et, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, Vincent De Gaetano, 24/05/2002:

*"Persuna li tiġi akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala awtur ta' delitt, tista' tinstab minn dik il-qorti ħatja sia ta' kompliċi f'dak id-delitt kif ukoll ħatja biss ta' tentattiv ta' dak id-delitt. Din hija l-linja li dejjem ħadu l-Qrati tagħna; u kienet tkun sitwazzjoni pjuttost stramba, jekk mhux addirittura assurda, li kieku filwaqt li fil-proċedura solenni tal-ġuri perusna li tkun akkużata bħala l-awtur ta' reat tista' tinstab ħatja bħala kompliċi f'dak ir-reat jew ħatja ta' tentattiv f'dak ir-reat, fil-proċedura essenzjalment sommarja quddiem il-Qorti tal-Maġsitrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tali possibilita' ma kienetx teżisti."*

In oltre, kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-15 ta' Jannar, 2015, Appell Kriminali Numru - 586/2012, Appell Nru - 586/2012 MM, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Supretendent Carmelo Bartolo) vs. Kenneth Camilleri, Qorti tista' minflok ma ssib persuna hati ta' awtur tar-reat, issibu hati ta' komplici jew assocjazzjoni. Biex dan isir però, irid jirrizulta *"a common design"* li gie mfisser *"the two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it."*

Issir referenza wkoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, moghtija fil-15 ta' Lulju, 2019, Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Omissis Anthony Borg, Kumpilazzjoni Nru: 378/2017, fejn intqal:

*"Illi d-dottrina u l-gurisprudenza in tema ta' komplicita hija ben stabbilita. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li: A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence.*

*Illi fil-fatt il-paragrafi (d) u (e) ta'l-artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu hekk: Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija - (c).....*

*xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew (e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.*

*Illi dwar il-komplici l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tghid li: Il-kompliċi huwa dak li għalkemm ma jipparteċipax materjalment fis-serqa, jagħmel xi ħaġa, bi ftehim magħhom, jiġifieri jkun hemm ftehim minn qabel magħhom, biex jgħinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, .... L-importanti huwa naturalment li jkun hemm ftehim minn qabel.*

*Illi dwar il-prova necessarja biex tirrizulta imputazzjoni ta' komplicita f'reat imwettaq minn persuna ohra huwa stabbilit fil-gurisprudenza li jrid jirrizulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni ... li l-imputat (i) kien jaf li lawtur kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li hu deliberatament ghenu biex hekk iwettaq id-delitt billi ghamel xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li l-imputat mar ma' l-awtur, u anke kien fuq il-post waqt li dan wettaq id-delitt in kwistjoni, ma jfissirx necessarjament li hu kien jaf x'kellu f'mohhu. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali pero iccarat li: Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment13, biex iwettaq dak id-delitt.*

*Illi ghalhekk, applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami, dak li jrid jigi pruvat hu li l-imputat kien jaf x'kellu f'mohhu huh Kevin u li hu ghenu, imqar moralment, fit-twettieq ta' dan il-pjan.*

*Illi f'dan l-istadju din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel referenza ukoll ghall-principji li ghandhom jigwidawha meta qed tiddetermina jekk kienx jezisti l-common design bejn l-ahwa Borg. Fil-kawza The Republic of*

*Malta vs Steven John Lewis Marsden saret referenza ampja ghal dawn ilprincipju li jemergu primarjament mid-dottrina ingliza in tema:..... as Timothy Jones and Michael Christie point out in the second edition of Criminal Law: "Proof of the agreement essential to a criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case. But even if there have been some such overt acts, the existence of mens rea, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have to be proved by inference. For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose. Lord Justice-Clerk Grant pointed out to the jury in H.M. Advocate v. Wilson, Latta and Rooney (1968): "You won't often get eye-witnesses of the agreement being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting."*

*Illi fil-kaz in ezami m'hemmx prova diretta ta' xi ftehiem bejn l-ahwa Borg pero fil-fehma tal-Qorti hemm provi indizjarji sufficjenti li ghandhom iwasslu ghal-konkluzzjoni wahda u cioe li l-imputat kien jaf b'dak li kien ser jaghmel huh Kevin u li huwa ghenu moralment u bil-prezenza tieghu u anke sahhah il-volonta tieghu."*

Mix-xhieda prodotta u mill-provi kollha mressqa u ezebiti fl-atti processwali jirrizulta kjarament, illi fir-rigward taz-zewg serqiet tat-12 ta' Novembru, 2016, l-imputat irrenda ruhu komplici fir-reati addebitati lilu. Il-Qorti qieset li l-imputat kien fizikament prezenti, waqt li saru dawn iz-zewg serqiet fit-12 ta' Novembru, 2016. Irrizulta li huwa kien jaf ghalfejn kien fuq il-post, kif ukoll fir-rigward tas-serqa mill-banka tal-lottu, kien jaf li Stanyer kellu sikkina f'idejh. In fatti, skont l-Artikolu 45 tal-Kap 9:-

*'Meta żewġ persuni jew aktar jeħdu sehem f'delitt, kull att magħmul minn waħda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew kompliċi, u li jkun jagħmel iżjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss:*

*(a) lill-persuna li tagħmel l-att;*

*(b) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u*

*(ċ) lill-persuna li, għad li kienet taf bl-att filwaqt li kien qiegħed isir, u għad li kienet tista' tempedih, ħalliet jsir. '*

Illi kif jgħid Sir Anthony Mamo f'Lectures in Criminal Law Reprint 1986, fol. 124, rigward il-komplicità:-

> *"Now, the notion of participation in an offence implies that one and the same is the offence committed, the subjects responsible therefore are several and consequently, there must be fulfilled in respect of each of them, the conditions required to constitute the subject of an offence. The two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it."*

Illi l-*common design* u cioè *"the two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it"*, huwa ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi, (hekk kif ser jigi spjegat iktar 'l isfel fl-ezami li ser isir ta' kull imputazzjoni) u din il-Qorti hija konvinta li l-imputat, a bazi tal-Artikolu 42(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, irrenda ruhu komplici billi *"b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat."*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet huma dawk ta' serq aggravat bil-vjolenza u bil-valur; u sekwestru ta' persuna, cioè ta' Helena Cardona. Dawn in konnessjoni mal-*hold up* fil-banka tal-Lottu f'San Gwann.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament, li sehhet *hold-up* fil-banka tal-lottu f'San Gwann, u li fil-kors ta' dan l-incident, insterqu €325. Dan l-ammont gie kkonfermat kemm minn Helena Cardona fix-xhieda taghha, kif ukoll mill-

Ufficjal Investigattiv, Trevor Micallef, fix-xhieda moghtija minnu. Irrizulta li min wettaq dan is-serq, xejjer sikkina lil Helena Cardona, u zamm lil Helena Cardona kontra r-rieda taghha, sakemm irnexxielu jiehu l-flus li kien hemm fl-istess banka tal-lottu.

Irrizulta mix-xhieda moghtija minn Roderick Stanyer, illi kien huwa li kellu s-sikkina f'idejh u li ha l-flus, izda dan xehed illi l-imputat kien mieghu barra l-banka tal-lottu. L-imputat kien ra s-sikkina f'idejn Stanyer, ra wkoll dak li qed jigri gol-banka tal-lottu, tant li anke tkellem ma' Stanyer waqt li kienet ghaddejja l-*hold up*. In oltre, l-istess imputat kien u baqa' fil-bieb tal-banka tal-lottu, bil-ghan li ma jidhlux nies gewwa l-banka, u kif ukoll sabiex l-istess Helena Cardona ma tohrogx mill-istess banka. Dan kollu huwa ikkorraborat mix-xhieda ta' Helena Cardona, kif ukoll ta' Stanyer.

Fl-ebda hin ma gie ppruvat li l-imputat b'xi mod, ipprova jwaqqaf lil Stanyer milli jkompli b'din is-serqa, u addirittura, wara li ttiehdu l-flus, entrambi Stanyer u l-imputat telqu jigru flimkien lura ghal gol-Land Rover li fiha kienet qed tistennihom Lia. Sussegwentement, dawn il-flus misruqa ntuzaw mill-istess imputat, flimkien ma' Stanyer u Lia.

Din il-Qorti tqies li kemm l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet gew ippruvati, fis-sens li l-imputat kien komplici flimkien ma' Stanyer u Lia. Gie wkoll ippruvat l-aggravju tal-vjolenza, stante li dan is-serq sar flimkien ma' sekwestru ta' persuna, u kif ukoll peress li sar b'sikkina. Anke l-aggravvju tal-valur gie ippruvat, stante x-xhieda moghtija minn Helena Cardona u l-Ispettur Trevor Micallef. In oltre, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, issir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fit-12 ta' Marzu, 2019, fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Josmar Pace:

> *"Dwar it-tieni akkuza u cioe' dik ta' sekwestru ta' persuna l-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghidu l-awturi u s-sentenzi tal-Qorti qabel ma tidhol tiddiskuti l-fatti specie tal-kaz.*

*L-artikolu 86 tal-Kap 9 jiddisponi li: "Kull min bla ordni skond l-ligi t'awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li finhom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm je jissekwestra lil xi persuna kontra l-volunta taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew is-sekwestrata."*

*Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li bniedem jista' jinstab hati ta' din l-akkuza una volta u principalment m'ghandhux ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u dan hu partikolarment li l-appellant ma kellux awtorita' skond l-ligi ta' awtorita' kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Izda min naha l-ohra, jista' jinghad li dan b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lil Sandy Scerri?*

*Din il-Qorti tara li l-element tal-artikoli relevanti ghal dan il-kaz huma tnejn ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna w it-tieni hu li tali sekwestru ghandu jsir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista' jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza.*

*Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt lil persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub artikolu tal-Kap 9 li tahtu jaqa' dan l-artikolu l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita' pubblika jindika li taht dan il-Kap jaqa' agir li jekk kommess min minn ghandu awtorita' ma jkunx punibbli. It-teorija tal-arrest illegali, abbraccjat ghalhekk mhux biss l-arrest fiziku u furzat, imma l-arrest bl-ingann.*

*Fi kliem l-awturi Smith & Hogan l-arrest jissusisti 'by words alone if one suibmits.' [vide Il-Pulizija v Albert Cassar deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Novembru 1990.]*

*Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal artikolu 86 taghna a fol 112 para. 788; Vol II billi jghid: "Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vitma ogni possibilita di scampo o di soccorso"*

*Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale jghid: "Le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta non e` totale ma occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."*

*L-ewwel nett zgur li hu pacifiku li l-appellant ma kellux ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Izda minn naha l-ohra jista jinghad li huwa b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lil vittma Sandy Scerri?*

*L-appellant skond ma qalet Sandra Scerri dahal mill-bieb tal banka tal-lottu " qallha biex ittih li kellha b'referena ghal flus u biex thaffef u dan sakemm jghodd tlieta u hija bezghet u ghaddietlu is-somma ta' sitt mitt euro ( €600)". Minn din ix-xhieda ma jirrizultax li in effetti is sinjura Scerri kient issekwestrata u li ma setghetx titlaq liberament. Donnu kollox gara fi ftit minuti u dan ghaliex appena dahal fil-banka tal-lottu u talabha ilflus hija tathomlu u huwa telaq l'barra u ghalhekk zgur li ma jsitax jingahd li kien hemm xi sekwestru. Ma kien hemm l-ebda zamma. L-ebda bieb ma gie maghluq. Lebda kliem ma inghad li jindika li is sinjrua Sceri ma setghetx tallonta ruhha. L-hsieb taghha kien wiehed mhux li titlaq'l barra izda li tatih il-flus biex hu jitlaq il-barra.*

*Dik kient id-decisjoni li ghamlet dak il-hin. Fl-ebda hin tghid li xtaqet titlaq pero' ma setghex. Din l-akkuza ghalhekk ma tirizutlax kif tajjeb oservat u kkonkludiet l-ewwel Qorti."*

F'dan il-kaz, irrizulta li l-vittma kellha quddiemha u fi prossimità ferm vicina maghha, sikkina, u l-aggressur kien talabha taghtih il-flus u hekk ma jwegga' hadd. Huwa minnu li ma nghalaq l-ebda bieb, izda barra kien hemm l-imputat, u ghalhekk il-vittma ma kellha l-ebda possibilità li taghzel li tohrog mill-banka tal-lottu. Din il-Qorti tqies li xhin tevalwa c-cirkostanzi kollha tal-kaz, din it-tieni imputazzjoni giet ukoll ippruvata. Gie ppruvat ukoll li l-vittma giet rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn giet mhedda, peress li t-thedida kienet fis-sens li ghandha taghti l-flus li hemm halli ma jwegga' hadd.

**Ikkunsidrat:**

Dwar it-tielet imputazzjoni, l-Avukat Generali indika l-Artikoli 6, 51(7), 55(a), 61 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, ghalkemm gie ppruvat li fir-rigward tal-*hold up* li sehh fil-banka tal-lottu, intuzat sikkina, ma tressqux provi mill-Prosekuzzjoni dwar jekk l-imputat kellux jew le, licenzja li jgorr tali strument li jaqta' u bil-ponta. Ghalhekk din l-imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 6 u 51(7) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ma tirrizultax ippruvata lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

Madanakollu, ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-Artikolu 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta (li wkoll gie indikat fl-artikoli mill-Avukat Generali) din l-imputazzjoni giet ippruvata, peress li rrizulta li l-imputat kien komplici fir-reat ta' serqa b'vjolenza, mill-banka tal-lottu fejn intuzat sikkina, li giet ezebita fl-atti ta' din il-kawza, u li taqa' fl-ambitu tad-definizzjoni ta' arma regolari, hekk kif definita taht l-Artikolu 64 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Dwar ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet, jirrizulta li dawn ukoll gew ippruvati, fis-sens li l-imputat kien komplici ma' Stanyer. Irrizulta mix-xhieda

ta' Roderick Stanyer, li l-imputat kien qed jistennih ftit 'il boghod, sabiex imbaghad jaqsmu dak li jkun insteraq flimkien. L-istess Stanyer ukoll xehed li nhataf il-*handbag* ta' Josephine Azzopardi, li kien fih zewg mobiles u xi gbejniet. Gie stabbilit ukoll li wiehed mill-mobiles hadu l-imputat.

Gie ppruvat li dan sehh bejn inzul u tlugh ix-xemx, stante li kien it-12 ta' Novembru, 2016, ghall-habta ta' 19:30 hrs. Ghalhekk, l-aggravvju tal-hin huwa wkoll ippruvat. Irrizulta wkoll minn ezami tac-certifikat tat-twelid ta' Josephine Azzopardi, li hija ghandha iktar minn sittin sena, u ghalhekk ghandu wkoll jigi applikat l-Artikolu 276A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Anke l-aggravvju tal-vjolenza gie ippruvat, stante li gie ippruvat li Josephine Azzopardi sofriet minn griehi fuq il-persuna taghha.

Dwar ir-reat taht l-Artikolu 257A u 257C tal-Kap 9, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, Kumpilazzjoni Numru - 258/2018, Il-Pulizija (Spettur Roderick Agius) -vs Judith Bakoush, deciza fil-25 ta' Novembru, 2021, fejn intqal li:

> *"Dan ir-reat ġie introdott fl-ordinament penali domestiku fl-2014 bis-saħħa tal-Att XXXI tal-2014. Fil-parti relevanti tieghu, addebitata lill-imputata fl-ewwel imputazzjoni, dan il-provvediment jaqra hekk:- 257A. (1) Persuna li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li xi persuna anzjana adult dipendenti jsofru, jew iġġib fuq dawk il-persuni uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli … tkun hatja ta' reat…"*
>
> *Illi l-elementi kostituttivi tar-reat kif kontemplat bl-artikolu 257A tal-Kap. 9, dejjem fil-parti li huwa relevanti ghall-akkuzi dedotti kontra l-imputata odjerna, huma ssegwenti:*

*"1. Persuna li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti;*

*2. taht cirkostanzi jew kondizzjoniet li x'aktarx jikkawzaw offizi gravi fuq il-persuna jew mewt;*

*3. xjentement iggieghel jew tippermetti li persuna anzjana adult dipendenti jsofru jew iggib fuq dawk il-persuni ugigh fiziku jew tbatija mentali mhux gustifikabbli."*

*Biex tinstab ħtija għar-reat taħt l-Artikoli 257A tal-Kap. 9, jeġtieġ li jigi ppruvat li ssoġġett tar-reat kontemplat taħt dan l-artikolu tal-ligi huwa persuna li hija anzjana jew adult dipendenti. L-Artikolu 257F(4) tal-Kap. 9 jipprovdi ukoll is-segwenti tifsiriet li japplikaw ghall-Artikolu 257A, u ċioe':*

*"'persuna anzjana" tfisser persuna li għalqet l-età ta' sittin sena",filwaqt li "'adult dipendenti' tfisser persuna tal-età li tkun tbati minn marda tal-ġisem jew talmoħħ fi grad li minħabba fiha l-kapaċità tagħha li twettaq attivitajiet normali jew li tipproteġi d-drittijiet tagħha jkunu ristretti, inklużi, iżda mhux limitati għal, persuni li jkollhom diżabilitajiet fl-iżvilupp tagħhom jew li l-kapaċitajiet fiżiċi umentali tagħhom ikunu naqsu minħabba fl-età u tinkludi kull persuna li tkun daħlet bħala pazjent residenti fi faċilità tas-saħħa li topera għal erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, jew tkun residenti f'istituzzjoni, jew daħlet f'istituzzjoni li toffri xi forma ta' kura medika jew psikoloġika".*

*Jingħad minnufih li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq ebda provi li turi li Pauline Baldacchino, is-soggett passiv tar-reat, hija adult dipendenti fit-tifsira tal-Artikolu 257F tal-Kap. 9. Imbagħad, kwantu ghall-kwalifika ta' "persuna anzjana", huwa minnu li fir-rapport tal-okkorrenza hemm inizzel id-data tat-twelid taghha bhala lpersuna li ghamlet ir-rapport dwar is-serqa, u huwa minnu wkoll li fic-Citazzjoni jinsab indikat li hija ghandha 73 sena, izda l-Qorti hi tal-fehma li din ma tikkostitwixxix l-ahjar prova li Pauline Baldacchino ghandha titqies bhala persuna anzjana ghall-fini tar-reat. L-ahjar prova li persuna hija anzjana u li, fil-kaz in dizamina ghandha iktar minn sittin sena, tingieb permezz tac-certifikat tat-twelid jew estratt ufficjali minn dan ic-certifikat jew dokument iehor ufficjali dwar l-identita` talpersuna. Iżda f'dan il-kaz ma tressqitx din il-prova u l-allegat vittma*

*nnifisha ma xehditx dwar l-eta` taghha fid-depozizzjoni taghha quddiem il-Qorti.*

*Iżda lil hinn minn dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li hemm ragunijiet oħrajn għaliex ma tistax tinstab ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 257A tal-Kap. 9.*

*Jiġi osservat illi dan il-provvediment jehtieg li r-reat jigi kommess inter alia, taht cirkostanzi jew kundizzjonijiet li x'aktarx jikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna jew mewt. Imbagħad l-Artikolu 257C tal-Kap. 9 jitkellem fuq ċirkostanzi u kundizzjonijiet li x'aktarx ma jikkawżawx offiża gravi fuq il-persuna jew il-mewt u hija applikabbli għalih piena inqas severa. Huwa minnu illi l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju ma indikax li tista' tinstab ħtija għall-ewwel imputazzjoni taħt l-Artikolu 257C tal-Kap. 9 iżda indika biss l-Artikolu 257A(1)(2) u (3) tal-Kap. 9, iżda fl-istess waqt hu ovvju li r-reat taħt l-Artikolu 257C huwa r-reat minuri u kompriż fir-reat iktar gravi taħt l-Artikolu 257A tal-Kap. 9 u għalhekk ilQorti tista' ssib ħtija għal dan ir-reat minuri anke jekk ma ġiex indikat speċifikatament fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju. F'kull każ iżda, l-offiza (jew il-mewt) li x'aktarx tigi kkawżata bħala konsegwenza tal-kondotta tal-aġent ta' dan ir-reat, kif ukoll luġigħ fiżiku jew tbatija mental, huma neċessarjament elementi materjali kostituttivi tar-reat in diżamina, u konsegwentement, jekk ma jiġix ippruvat li s-sofferenza jew uġigħ fiziku jew tbatija mentali ma gewx kommessi taht cirkostanzi li x'aktarx jikkawżaw offiża (jew mewt), ma tistax tinstab ħtija għad-delitt."*

Fil-kaz odjern, ingiebet prova li l-vittma kienet mara anzjana, kif ukoll prova li l-vittma soffriet griehi waqt il-komissjoni tas-serqa. Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra ssib htija ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-Artikolu 257C tal-Kap 9.

Dwar l-entità tal-griehi, din il-Qorti qieset ic-certifikat mediku ezebit, kif ukoll ix-xhieda tat-tabib li rrilaxxa l-istess certifikat mediku. Qieset ukoll iz-zewg rapporti li pprezenta l-Espert tal-Qorti, Dottor Mario Scerri.

F'Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fit-30 ta' Lulju, 2004, intqal li:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tid-dependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermet-tilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza"..*"

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Generoso Sammut, deciza fit-2 ta' Awwissu, 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:-

*"Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inkluża l-parti offiża, jibqala' xi dubju raġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".*

Fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Joseph Apap, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fit-8 ta' Frar, 2018, saret referenza ghas-segwenti gurisprudenza:-

*"Illi l-principji li jirregolaw il-klasifikazzjoni ta' griehi ai fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti f'l-ordinament guridiku taghna. Fil-gurisprudenza huwa pacifiku li: Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta'*

*importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*

Illi din il-Qorti tqis mill-provi prodotti, li l-lezjoni sofferta mill-vittma kienet wahda ta' natura hafifa. (Vide certifikat a fol 626, ix-xhieda ta' Dr Juan Ellul Pirotta u r-rapporti maghmula minn Dr Mario Scerri).

In parentesi, jinghad li din il-Qorti tqies li fil-kaz odjern, ghalkemm l-imputat ma kienx il-persuna li effettivament wegghet lil Josephine Azzopardi, gialadarba l-istess imputat kien komplici ma' Stanyer fir-rigward ta' din is-serqa, huwa kien ghalhekk komplici flimkien ma' Stanyer, li kkaguna griehi lil Josephine Azzopardi.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar is-seba', it-tmien u d-disa' imputazzjoni, u cioè s-serqa li saret fi Triq Manuel Dimech, Hal Qormi, din il-Qorti sejra tistrieh fuq ix-xhieda li nghatat minn Lucienne Lia u mix-xhud okulari. Ix-xhud okulari ta dettalji tal-vettura li ntuzat u li permezz taghha, l-imputat harab minn fuq il-post, liema vettura rrizultat li hija proprju l-vettura registrata fuq l-istess imputat. Din il-vettura in fatti, giet ukoll ezebita f'dawn l-atti. Ix-xhud okulari gharaf f'zewg okkazjonijiet, lill-imputat bhala l-halliel f'din is-serqa, meta xehed fil-Qorti, ghalkemm ma kienx mija fil-mija cert.

L-aggravvju tal-vjolenza giet ippruvata stante li l-vittma sofriet feriti hfief. Irrizulta wkoll li l-vittma hija mara anzjana li ghandha iktar minn sittin sena. Ghalhekk, anke l-imputazzjoni relattiva ghall-Artikolu 257C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tirrizulta, stante li r-rekwiziti elenakati iktar 'il fuq f'din is-sentenza, gew ippruvati quddiem din il-Qorti.

Il-griehi hfief sofferti mill-vittma gew ukoll ippruvati lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, stante li l-Prosekuzzjoni ezebiet ic-certifikat mediku, kif ukoll it-tabib li rrilaxxa l-istess certifikat ikkonferma l-kontenut tal-istess certifikat.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ghaxar imputazzjoni hija dik dwar ricettazzjoni. Illi huwa car li din l-imputazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet dwar serq, li nhargu fil-konfront tal-imputat. La darba l-imputat qed jinstab hati tal-imputazzjonijiet dwar serq, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri minn din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-hdax imputazzjoni hija dik ta' ksur tal-Probation. Skont l-Artikolu 23 (1) u (3) tal-Kapitolu 446 jipprovdi li :

*"23.(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti -*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation , lordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew lordni għal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien*

*għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat;" u*

*(2) Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi trattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht probation b'ordni ta' servizz fil-komunita', jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata, il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)."*

Din il-Qorti ma ghandhiex ix-xelta titrattax jew le mal-hati ghal ksur tal-Ordni ta' Probation, ghaliex il-kelma "tista'" f'dak il-kaz, mhix wahda fakoltattiva, izda tfisser biss li l-Qorti ghandha s-setgha li titratta mieghu (Vide Il-Pulizija vs Duranovic Coreschi App Krim 549/2010).

Konsewgentement, din il-Qorti sejra taghzel li titratta lill-imputat ghar-reati li dwarhom kienet saret l-Ordni tal-Probation fl-10 ta' Marzu, 2016, u sejra tiddeciedi dwar il-piena li ghandha tigi erogata skont il-ligi.

Il-Qorti qieset is-sentenza moghtija fl-10 ta' Marzu, 2016, ezebita a fol 643 et seq, u li minnha rrizulta li ma kien sar l-ebda appell. Minnha jirrizulta li l-imputat kien gie misjub hati ta' serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-lok dirett lejn persuna anzjana, kif ukoll ta' holqien ta' reat ai termini tal-Artikolu 110(2) tal-Kap 9.

**Ikkunsidrat:**

Illi t-tnax imputazzjoni hija dik ta' recidiva.

Il-Qorti qed issib lill-imputat hati tar-recidiva ghaliex hu nstab hati ta' reat, u kien ippruvat li kellu kundanna ohra f'anqas minn hames snin qabel sar ir-reat.

Illi l-Qorti tinnota li l-atti jikkontjenu vera kopja tas-sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat. Il-konnotati kontra min inghataw dawn is-sentenzi, huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna, u b'hekk ma ghandu jkun hemm l-ebda dubju li s-sentenzi ezebiti, gew moghtija fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna.

Meta qieset is-sentenzi ezebiti, b'mod partikolari Dok BA 2 ezebit a fol 647 et seq, din il-Qorti tqies li anke r-recidiva tirrizulta.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar il-piena, l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni, huwa n-natura serjissima tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. Fattur iehor li ghandu jinghata certu piz, huwa l-perikolu li l-imputat jikkostitwixxi ghas-socjetà in generali. Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat, li digà ghandha precedenti ta' serq.

Tqies li fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti hija konvinta li l-unika piena li tista' taghi, hija dik ta' piena karcerarja effettiva, u ghal tul ta' zmien li jirrisspekkja dawn il-fatturi elenkati.

**Decide**

**Ghaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17 (b), 17 (h), 20, 23(1), 31, 42(d), 43, 49, 50, 64, 86, 87(1) (c), 87(1) (e), 214, 215, 221(1), 257C (1), 257C(2)(a), 261(a), 261 (c), 261 (f), 262(1)(a), 262 (1)(b), 262(2), 267, 270, 274( c), 275, 276, 276A, 277(a), 280(2), 532A u 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 23 (1)(a) u 23(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal komplicità; tat-tielet imputazzjoni in kwantu kien fil-pussess ta' arma regolari waqt l-ghemil tar-reat; tal-hames imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal komplicità, tat-tmien imputazzjoni,**

**tad-disa' imputazzjoni, tat-tnax-il imputazzjoni, u kif ukoll hati tal-hdax-il imputazzjoni, b'dana illi qed tiddeciedi li titratta lill-imputat ghar-reati li dwarhom kienet saret l-Ordni tal-Probation fl-10 ta' Marzu, 2016, bil-konsegwenza li rat ukoll l-Artikoli 110(2), 261(a), 261(b), 261( e), 262(1)(a), 263(a), 269(g), 276, 276A u 277(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ghaxar imputazzjoni, ma ssibx lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni (in kwantu tirreferi ghal komplicità) u tas-seba' imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda minflok issibu hati tar-reat minuri, kompriz u involut fir-reat lilu imputat, u cioè dak ravvizat ai termini tal-Artikolu 257C (1) u 257C(2)(a) tal-Kap 9, u ma ssibx lill-imputat hati tas-sitt imputazzjoni (in kwantu tirreferi ghal komplicità) izda minflok issibu hati tar-reat minuri, kompriz u involut fir-reat lilu imputat, u cioè dak ta' griehi hfief fuq il-persuna ta' Josephine Azzopardi. Tikkundannah ghal piena ta' sitt snin prigunerija.**

**In oltre u b'applikazjoni tal-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480, qed tikkonfiska s-sikkina esebita bhala Dok FFXZ9, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 57 tal-istess Kapitolu 480 qed tiskwalifka lill-imputat minn kull licenzja ai termini tal-imsemmi Kapitolu 480 ghal perjodu ta' hames snin.**

**B'applikazzjoni tal-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti, is-somma ta' €1,406.69c rapprezentanti spejjez inkorsi in konnessjoni mal-hatra ta' esperti mahtura fis-smigh ta' din il-kawza[1], u s-somma ta' €219.07c rapprezentanti terz mill-ispejjez nkorsi fl-atti tal-inkjesta magisterjali miftuha in konnessjoni ma' wahda mis-serqiet li dwarha qed jigi misjub hati l-imputat[2].**

**Qieghda ai termini tal-Artikolu 23(1) tal-Kap 9, tordna wkoll il-konfiska tal-vettura li jgib in-numru ta' registrazzjoni FAE 362, liema vettura giet ezebita**

---

[1] Spejjez ta' Keith Cutajar €702.21c; Spejjez lil Dr Katya Vassallo €11.98c; u Spejjez Dr Mario Scerri €127.80c, €316.20c u €248.50c.

[2] Dr Steven Farrugia Sacco €545.99c; SOCO €95.49c; SOCO €15.72c.

**formalment f'dawn il-proceduri, u liema vettura ntuzat fis-serqa li saret fit-12 ta' Novembru, 2016, ghal habta ta' 19.30hrs, gewwa Pjazza Narbona, Qormi, u fis-serqa li saret fl-20 ta' Novembru, 2016, ghal habta ta' 07.15hrs gewwa Triq Manuel Dimech, Hal Qormi.**

Magistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur